# 54. Il-Ġnien tal-Blata l-Bajda

Ja Ġnien tal-Blata l-Bajda, kemm ġerrejja
hi l-ħajja ta’ madwarek! mija mija
tal-bhejjem u tan-nar l-inġenji ġejja
u sejra minn ma’ ħdejk b’ġirja qawwija!

Int waqfa ta’ mistrieħ tal-ħajja fl-għejja,
waqfa ta’ dell u ferħ b’kull ġmiel mogħnija:
għax fik ma jonqsu qatt qtajja’ t’għannejja
fis-siġar ta’ kull ħjiel jgħannu moħbija!

Ja Ġnien tal-Blata l-Bajda, ‘l-għanja tiegħi
nistħajlek tixbaħ, li f’ġirjiet il-ħajja
qalbi tieqaf biex tagħżel ftit mistrieħa,

U tinseġ fiha sensiliet u friegħi
ta’ siġar ta’ kull ġmiel u qtajja’ qtajja’
t’agħsafar jgħannu lkoll għanja ferrieħa!